MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 351/2010

**-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Jade Jones ta' 27 sena, bint missier mhux maghruf u Marisa Veronica Jones, mwielda il-Pieta' fil-06.09.1984, residenti gewwa no 132, Triq Blanche Huber, Sliema u detentrici ta' numru tal-karta ta' l-identita 446284M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli kellha fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Marzu 2010 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni d-droga imsemmija u meta ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2) Kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzata li timmanifattura, jew tforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienitx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena:

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi fil-konfront tal-imputata ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issiblill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-.imputata u l-fatt illi l-imputata illum irriformat hajjitha u ghandha hajja stabbli u l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii), l-artikolu 29tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02nissib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-hatja bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------